

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-12 ta' Ġunju 2019 — TQ vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

(Kawża C-441/19)

(2019/C 270/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: TQ

Konvenut: Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/115/KE ⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar ir-ritorn”), moqri flimkien mal-Artikoli 4 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), il-premessa 22 u l-Artikolu 5(a), tad-Direttiva dwar ir-ritorn, kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95/UE ⁽²⁾ (iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-kwalifika”), għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru, qabel ma jimponi obbligu ta' ritorn fuq minuri mhux akkumpanjat, għandu jiżgura ruħu — u jwettaq investigazzjoni għal dan il-għan — li f'kull każ, il-pajjiż ta' oriġini joffri fil-prinċipju faċilità ta' akkoljenza adegwata u li hija disponibbli?
- 2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn, moqri flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma huwiex awtorizzat jagħmel distinzjoni abbażi tal-età, sabiex jawtorizza r-residenza legali fit-territorju tiegħu, meta jkun stabbilit li minuri mhux akkumpanjat ma jikkwalifikax għall-istatus ta' refuġjat jew għal protezzjoni sussidjarja?
- 3) L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta minuri mhux akkumpanjat ma jikkonformax mal-obbligu ta' ritorn, u l-Istat Membru ma jhux, u ma huwa ser jieħu, l-ebda miżura konkreta ta' tneħħija, l-obbligu ta' ritorn għandu jiġi sospiż u, għaldaqstant, għandha tiġi awtorizzata r-residenza legali? L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jitqies li huwa kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipju ta' lealtà Komunitarja li tittieħed deċiżjoni ta' ritorn kontra minuri mhux akkumpanjat, mingħajr mbagħad ma jittieħdu miżuri ta' tneħħija sakemm il-minuri mhux akkumpanjat jilħaq l-età ta' tmintax-il sena?

⁽¹⁾ Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

⁽²⁾ Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (Id-Danimarka) fis-6 ta' Ġunju 2019 — Viasat Broadcasting UK Ltd. vs TV2/Danmark A/S u Ir-Renju tad-Danimarka

(Kawża C-445/19)

(2019/C 270/28)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret